MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 1201/2012

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**Vs**

**Carmel u Rita mizzewgin Mifsud**
**(K.I numru 495469(M) u K.I numru 199575 (M))**

**Il-Qorti ;**

Rat ir-rikors guramentat ta' Romuald Attard ghan nom u in rapprezentanza tal-bank rikorrenti Bank of Valletta p.l.c. tat-3 ta' Dicembru 2012 li jaqra hekk:

*1. "Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti wiehed minnhom datat 23 ta' Marzu 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono (Dok. "A") u l-iehor, datat 20 t' April 2006 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry*

*Saydon (Dok. “B”) is-socjeta’ attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Carmel u Rita mizzewgin Mifsud;*

*2. Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici ta’ Carmel u Rita mizzewgin Mifsud fis-somma ta’ mija u sittin elf, tlett u disgha u hamsin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€160,359.72) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Accounts” ta’ Carmel u Rita mizzewgin Mifsud mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok.”C1 sa C2” u Dok. “D1 sa D6”), flimkien mal-imghax ulterjuri mid-9 ta’ Novembru 2012 sad-data ta’ l-effettiv pagament.*

*3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokument “A” u Dok. “B”), partikolarment imma mhux esklussivament , billi Carmel u Rita mizzewgin Mifsud:*

*(a) Naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti;*

*(b) Kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti, sopraindikati u/jew ;*

*(c) Hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Carmel u Rita mizzewgin Mifsud li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.*

*4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

*5. Illi l-konvenuti Carmel u Rita mizzewgin Mifsud gew interpellati permezz ta’ zewg ittri ufficjali wahda minnhom datata 5 ta’ Settembru 2011, u l-ohra datata 11 ta’ Lulju 2012 li kopji taghhom qed jigu hawn ezibiti u mmarakta Dok “E” u Dok “F”, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m’Ghandhiex Din il-Qorti Tilqa’ t-talbiet tas-*

*socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha:*

*1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokument "A" u Dok. "B"), partikolarment imma mhux esklussivament , billi Carmel u Rita mizzewgin Mifsud:*

*(a) Naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti;*

*(b) Kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti, sopraindikati u/jew ;*

*(c) Hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Carmel u Rita mizzewgin Mifsud li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici; u*

*2. Tikundanna lil Carmel u Rita mizzewgin Mifsud jhallasu flimkien u "in solidum" bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u sittin elf, tlett u disgha u hamsin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€160,359.72) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Carmel u Rita mizzewgin Mifsud mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok."C1 sa C2" u Dok. "D1 sa D6"), flimkien mal-imghax ulterjuri mid-9 ta' Novembru 2012 sad-data ta' l-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 5 ta'Settembru 2011 u l-ohra datata 11 ta' Lulju 2012 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-bank rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors guramentat;

Rat li l-atti tar-rikors guramentat u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimati skond il-ligi;

Rat in-nota t'**ammissjoni** tal-intimati Carmel u Rita mizzewgin Mifsud tat-22 ta'Marzu 2013, a fol 55 tal-process;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kaz;

**Ikkonsidrat:**

Mid-dikjarazzjoni guramentata kontenuta fir-rikors promotorju u mill-provi dokumentari prodotti mill-bank rikorrenti, it-talbiet tal-bank rikorrenti jirrizultaw provati skond il-ligi. Di piu' l-intimati, permezz tan-nota t'ammissjoni taghhom tat-22 ta'Marzu 2013– (vide fol 55), ikkoncedew t-talbiet kollha tal-bank rikorrenti.

**Ghal dawn il-mottivi , l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-bank rikorrenti, bl-ispejjez kif mitluba kontra l-intimati.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------